MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMĦALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2207/2000/1

**Citaz Nru: 2207/00 JA**

**Joseph u Nicholina konjugi Brincat.**

**-vs-**

**Raffaela Pisani mart Emanuel, Edward Kitney eredi tad-defunta Maria Twigg.**

**U**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja b' digriet**

**tat-30 t' Ottubru, 2000 ew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita' giacenti ta' Albert**

**William Twigg u Maria Twigg jekk ikun il-kaz u lill-assenti Paul Raymond Twigg, Adrian Paul Twigg u Hilary Jane Twigg eredi tad-defunt Albert William Twigg.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressaq fid-29 ta’ Settembru, 2000, li fih l-atturi ppremettew:

Illi permezz ta’ testment ta’ l-10 ta’ Mejju, 1997 u addenda hall-istess tat-13 ta’ Dicembru 1977 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Lia, Albert William Twigg u martu Maria Twigg iddisponew, permezz ta’ l-Ewwel (1) Artikolu ta’ l-istess testment, “*The testators spouses Twigg have by title of legacy the sum of five thousand Maltese Liri (Lm5000) onto Joseph Brincat a pensioner, son of the late Salvtore and in favour of his wife Nicholina Brincat daughter of Emanuel Cutajar having identity cards respectively numbered 205638 (M) and 22355 (M) with the right of accretion between them and the right of vulgur substituion in case both legatees should predecease the spouses Twigg and this legacy is being left by way of compensation of the good services which he legates rendered to the testators”* u dan kif jirrizulta ahjar mill-kopja tat-testment hawn annessa u mmarkata bhala dok “A”.

Illi Albert William Twigg miet nhar is-27 (sebha u ghoxrin) ta’ Ottubru, 1998 u dan kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat hawn annessa u markata bhala dok “B”.

Illi permezz ta’ testment iehor fil-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Lia tal-20 (tentieth) April 1999, l-istess Maria Twigg armla ta’ Albert William, wara li revokat kull testment li hija

ghamlet, permezz ta' l-ewwel artikolu, dikjarat li qeghdha thalli *"by title of legacy the sum of one thousand Maltese Liri (Lm1000) onto the spouses Joseph Brincat and Nicholina nee Borg having Identity Cards numbered as follows 205638 (M) and 2233 (M) respectively"*, u dan kif jirrizulta ahjar permezz tal-kopja tat-testment hawn anessa u markata bhala Dok "C".

Illi l-istess Maria Twigg armla ta' Albert William mietet nhar it-13 (tlettax) ta' Mejju, 2000 u dan kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat hawn annessa u markata bhala Dok "D".

Illi permezz tat-testmenti ta' l-10 ta' Mejju, 1997 kif mizjud permezz ta' l-addenda tat-13 ta' Dicembru 1997 u dak tat-12 t' April 1999, id-decujus indikaw bhala l-eredi rispettivi taghhom lil Raffaela Pisani mart Emanuel, Edward Kitney, Paul Raymond Twigg, Adrian Paul Twigg u Hilary Jane Twigg.

Illi l-eredi, ghalkemm debitament interpellati sabiex jiehdu u jistitwixxu dawk il-proceduri kollha opportuni sabiex jimmittu fil-pussess u eventwalment jghaddu lil l-atturi l-legati lilhom mhollija permezz tat-testmenti aktar il-fuq indikati, baqghu nadempjenti.

Ghalhekk jghidu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tordna lil konvenuti sabiex jimmittu fil-pussess tal-legat imholli lil atturi n forza tat-testmenti ta' l-10 ta' Mejju, 1997 kif emendat permezz ta' testment iehor datata 13 ta' Dicembru 1997 u dak ta' l-20 t' April 1999 fil-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Lia.

2. Tikkundanna lil konvenuti sabiex jghaddu u jessengew lil atturi l-legati lilhom mhollija n forza ta' l-istess testment.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti sabiex jixhdu u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa minn Joseph Brincat fil-2 ta’ Settembru, 2000 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Raffaela Pisani prezentata fis-17 ta’ Jannar, 2001 li permezz taghha ecepixxit:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti li tisma’ u tiddeciedi l-kawza, ghallinqas fil-konfront ta’ l-esponenti, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 741 sub-inciz (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Illi preliminarjament ukoll u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni hija rrita u nulla minhabba molteplicita’ ta’ konvenuti, molteplicita’ ta’ rapporti uridici, u talbiet li ma’ jghoddux ghall-konvenuti kollha;

3. Illi fil-mertu u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ai termini ta’ l-artikolu 734 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta), it-talbiet attrici kontra l-esponeneti huma eccessivi, u dan kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi, *in ogni caso*, l-atturi jridu jgibu l-prova, u dan permezz ta’ ricerka testamentarja, li t-testmenti li gew annessi mac-citazzjoni odjerna, huma l-ahhar testmenti tad-defunti Albert William Twigg u Maria Twigg;

5. Illi l-esponeneti taghmel taghha l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra, safejn dawn huma bla pregudizzju ghal dawn eccezzjonijiet u safejn dawk l-eccezzjonijiet huma applikabbli ghaliha;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta Raffaela Pisani mahlufa fis-17 ta' Jannar, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Av. Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja bhala Kuraturi Deputati pprezentata fis-6 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha eccepew:

Illi huma ma' jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u jirriservaw id-dritt li jressqu aktar eccezzjonijiet 'l quddiem;

Illi bla pregudizzju jehtieg issir verifika dwar il-konsistenza tal-beni tal-mizzewgin Twigg.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess Kuraturi Deputati mahlufa mill-Av. Dr. Renzo Porsella Flores u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut Edward Kitney gie notifikat ai termini ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-atturi presentata fl-14 ta' Frar, 2002 li permezz taghha cedew it-talba fil-konfront tal-konvenuta Raffaela Pisani stante li din hallset lill-atturi s-somma ta' elf Lira (Lm1,000), izda zammew ferm it-talba taghhom fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Rat il-verbal tas-6 t' Ottubru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi kif jidher mill-atti tal-kawza l-konjugi defunti Twigg hallew bhala legat lill-atturi s-somma ta' hamest elef Lira (Lm5,000) permezz tat-testment tal-10 ta' Mejju 1997 li kien sar bhala addenda ghal dak li sar fit-13 ta' Dicembru, 1997, u wara l-mewt ta' Albert William Twigg, l-armla tieghu Maria Twigg halliet legat ta' elf Lira (Lm1,000) lill-istess konjugi Brincat, atturi f' din il-kawza permezz ta' testment iehor ta' l-20 t' April, 1999.

L-eredi tal-konjugi Twigg jirriuzlta li huma skond dawn it-testmenti l-konvenuti, li huma sitta (6) b' kollox. Fil-mori tal-kawza l-konvenuta Pisani hallset is-somma ta' elf Lira

(Lm1,000) lill-atturi, li ghalhekk cedew il-kawza fil-konfront taghha billi effettivament dan kien l-ammont pagabbli minnha *pro rata*. Dan ghalkemm strettament il-konvenuti bhala werrieta jistghu jitqiesu solidalent responsabbli ghal hlas tal-legati.

Illi ghalhekk billi d-dikjararazzjoni tal-atturi mhijiex kontradetta, ghaliex sallum il-konvenuti kuraturi deputati baqghu mhux edotti bil-fatti, t-talba attrici tirrizulta pruvata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuti Paul, Raymond, Adrian Paul u Hilary Jane Twigg u Edward Kitney biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef Lira (Lm5,000); l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess konvenuti, salv li provizorjament il-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------